FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2002**

**Numru 12**

**Avviz. numru 1493/01JR**

**John Herbert Bartelli**

**vs**

**Stephen Chetcuti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fid-19 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' erba' tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm422.50), (jew somma ohra verjuri) rapprezentanti danni sofferti mill-istess attur fl-incident stradali li sehh fi Triq Burmarrad, Burmarrad, fis-6 t'Awissu, 2001, bejn il-vettura ta' l-ghamla "MG Austin Metro" numru ta' registrazzjoni JAU-541, u l-vettura tal-ghamla "Rover" numru ta' registrazzjoni STC-286, misjuqa mill-attur u mill-konvenut rispettivament, liema incident sehh**

**unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, sewqan eccessiv, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Dicembru, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizzjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parte tal-konvenut kif allegat fit-talba.**

**Ra l-affidavit ta' John Herbert Bartelli u Rita Bartelli. Semgha x-xhieda ta' Stephen Chetcuti u David Grima. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li grat fis-6 t'Awissu, 2001, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, bejn il-vettura ta' l-ghamla "MG Austin Metro" numru ta' registrazzjoni JAU-541 misjuqa mill-attur, u l-vettura tal-ghamla "Rover" numru ta' registrazzjoni STC-286 misjuqa mill-konvenut. Il-vettura ta' l-attur laqtet il-vettura tal-konvenut fuq wara, u dan ta' l-ahhar intefa fuq il-vettura ta' quddiemu misjuqa minn David Grima.**

**2. Jibda biex jinghad li fejn gara l-incident kienu qed isiru xogholijiet fit-triq u kien hemm il-parti tal-lemin tat-triq (thares fid-direzzjoni ta' Burmarrad) maqlugha. Ghalhekk it-traffiku fiz-zewg direzzjonijiet kellu jghaddi fil-parti rimananti tat-triq li kienet miftuha, u li kellha l-karreggjati li jaghtu fid-direzzjonijiet opposti, divizi b'linja bajda doppja.**

**3. Jirrizulta mix-xhieda ta' David Grima li fil-hin ta' l-incident kien hemm hafna traffiku, u kien hemm queue, u t-traffiku miexi bil-mod. L-istess xhud isemmi ostakoli li kien hemm fit-triq minhabba x-xogholijiet, tant li jghid li kellu joqghod attent kemm ghall-quddiem kif ukoll ghall-genb.**

**4. L-attur fil-fatt xehed li kien hemm traffiku quddiemu, u kien miexi bil-mod. Il-konvenut li kien warajh beda jpaqpaq, u f'hin minnhom, meta t-traffiku gej mid-direzzjoni opposta naqas, hu qabez lill-attur u dahal quddiemu.**

**5. L-attur jghid li inhasad b'din il-manuvra tal-konvenut, li biha hadlu l-ispazju li kien hemm mill-vettura l-ohra, u jghid li malli dahal quddiemu l-konvenut bbrejkja u l-attur dahal fih.**

**6. Jirrizulta li biex ghamel il-manuvra ta' surpass il-konvenut ta' bilfors qabez id-"double white line". Inoltre il-konvenut kien ghaddej, kif jghid hu, b'xi 50/60kfs, li hi definitivament velocita` esagerata, tenut kont li kien hemm hafna traffiku, li kien hemm xogholijiet u ostakoli**

**minhabba dawn ix-xogholijiet. Fic-cirkostanzi il-konvenut qatt ma jmessu ghamel il-manuvra ta' surpass ghax din kienet manuvra mhux f'loka.**

7. **Kif ritenut mill-Qrati taghna:**

> **"Fil-kors ordinarju tat-traffiku stradali, vejikolu li jkun miexi quddiem vejikolu iehor, u jigi milqut mill-vejikolu ta' warajh, ikollu favur tieghu, salvi cirkustanzi specjali, il-principju illi responsabbli tal-habta jkun il-vejikolu ta' wara, specjalment meta l-vejikolu ta' quddiem kien fuq is-"side" tieghu. Imma biex wiehed jasal ghal konkluzjoni korretta f'kaz simili, jehtieg jiddistingwi bejn il-kaz hekk indikat u l-kaz tal-vejikolu li jigi milqut bla ma tkun interveniet ebda manuvra precedenti. B'mod illi, jekk si tratta minn vejikolu li originarjament kien miexi wara vejikolu iehor, u mbaghad jissorpassah, u jigi milqut minn dak il-vejikolu hekk sorpassat, il-kaz ikun differenti.**
>
> **Ghax f'dan il-kaz ghandu jigi distint jekk il-vejikolu li ghamel l-"overtaking" baqghax sejjer, jew inkella waqafx, wara li ghamel il-manuvra ta' l-"overtaking"; u din id-distinzjoni hija fondamentali, u ghandha tikkostitwixxi l-"punto di**

partenza" fil-fissazzjoni ta' l-aspett guridiku tal-kaz.

B'konsegwenza illi l-vejikolu li gie milqut mill-vejikolu ta' wara jehtieglu jaghmel il-prova, sabiex ir-responsabilita` tal-kollizzjoni taqa' fuq il-vejikolu li habat mieghu minn wara, illi, wara li ssorpassa l-vejikolu li kellu quddiemu, u waqaf wara li ssorpassah, kien hemm f'dak il-waqt spazju sufficjenti li fih id-driver tal-vejikolu sorpassat, kieku kien qed izomm dik li tissejjah "a proper look-out", u jekk li speed li bih kien qed isuq kien sewwa, seta' jimmanuvra b'mod li ma jolqotx il-car li ssorpassah u waqaf quddiemu. U jekk dan l-ispazju ma jigix pruvat li kien hemm, xejn ma jiswa li d-driver tal-karrozza milquta kien ghamel sinjal li kien ser jieqaf, ghax is-sinjal irid ikun "timeous", u ghandha tithalla distanza tali li l-karrozza ta' wara tista' twaqqaf fil-waqt." (William Buhagiar vs Nazzareno Borg – App.Civ. 1.6.1959).

8. Fil-kaz in ezami jirrizulta li kien hemm traffiku, anzi "queue ta' traffiku, u l-attur kien miexi bil-mod izomm distanza mill-karrozza ta' quddiemu misjuqa minn David Grima. Ma hux kredibbli fic-

cirkostanzi l-konvenut meta jghid li lahaq mitt metru qabel ma waqaf, ghax fil-fatt jirrizulta li vetturi fl-imsemmi queue kienu qrib ta' xulxin u ma kienx hemm distanzi ta' mitt metru bejn vettura u ohra. Definitivament l-incident gara minhabba l-manuvra sperikolata tal-konvenut, li ghogbu jaqbez meta mhux suppost, u di piu` dahal u waqaf f'salt quddiem l-attur, bil-konsegwenza li l-attur ma setghax jevita l-kollizzjoni. Ghaldaqstant ghall-incident li sehh ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut.

9. Bhala danni l-attur kellu erba' mija tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm422.50) kif jirrizulta mid-Dok.A esebit.

Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, It-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm422.50) bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Novembru, 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr Joseph Refalo
Gudikatur